MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2012

Numru 548/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**MARIO GRECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mario Grech ta’ 59 sena iben Joseph u Carmen nee’ Azzopardi, imwieled Haz-Zebbug nhar 18/11/1953, u residenti 6 Kwartier San Nikola Bormla detentur tal-karta ta’ l-identita numru: 815153(M).

Gie akkuzat talli fl-4 ta’ Marzu 2012 gewwa l-ghassa ta’ Bormla b’qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat

Akkuzat ukoll talli ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf liema holqien ta’ reat ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat b’mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Akkuzat ukoll talli sar ricediv b’sentenza moghtija mill Qorti tal-Magistrati moghtija lilu fits26 ta’ Jannar 2011 mill-Mag A. Mizzi LLD.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok FS6 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Frankie Sammut ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li hu konsapevoli li l-imputat ghandu problemi ta’ natura psikologici u ghaldaqstant ikun opportun li l-Qorti tikkunsidra l-possibilita’ li tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation sabiex l-istess imputat ikun assistit dwar din il-problema u sabiex ma jkunx hemm repetizzjoni ta’ reati simili.

Rat l-artikoli 17, 110(1), 110(2), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Mario Grech, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur Ispettur Frankie Sammut ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Mario Grech taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li l-imputat ikun assistit dwar il-problemi li ghandu ta' natura psikologica u sabiex ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Mario Grech b'obbligazzjoni personali ta' hames mitt Ewro (Ewro 500) li jzomm il-kwiet ma' Raphael Borg ghal zmien sena millum.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Mario Grech.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Mario Grech kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Mario Grech l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------